MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 85/2012

**Il-Pulizija**

**(Supt. Paul Vassallo)**

**(Spt. Joseph Agius)**

**Vs**

**Rennie Persico**

**Illum 10 ta' Lulju, 2014,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 204680(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fiz-Zejtun, fil-5 ta' Marzu 2005 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Luana Scerri, minorenni ta' 13-il sena u dan bi ksur ta' l-Artikolu 198 u 201 (1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. B'eghmil zieni, ikkorrompa lill-istess Luana Scerri, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Frar, 2012, li biha, ddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel zewg akkuzi u l-Qorti sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet akkuza u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza imsemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat procediment ezawrit fil-konfront ta' l-ewwel imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u l-appellat mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellat huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fl-14 ta' Frar 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u harssu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura u interpretazzjoni zbaljata ta l-ipotezi tal-ligi.

Illi dan il-kaz huwa maqsum f'zewg episodji li huma distinti minn xulxin u li fil-fatt sehhew fi zminijiet differenti tant li l-appellat gie akkuzat li wettaq reati kontinwati.

Mix-xhieda tal-vittma minorenni Luana Scerri, johrog car li r-rapaort li ghamlet l-Ghassa tal-Pulizija nhar il- 21 ta' Settembru 2005 jirreferi ghar-reat ta' stupru li allegatament gie kommess minn Rennie Persico xi granet qabel fil-garaxx tieghu fiz-Zejtun. Pero' fil-kors tal-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija u specifikatament wara li kellmu lil Luana Scerri, irrizulta li l-istess Rennie Persico kien diga kellu esperjenza sesswali ma' Luana Scerri u dan gara nhar il-5 ta' Marzu 2005. Skond Luana Scerri dak inhar l-appellat kien hadha fl-inhawi taz-zona industrijali ta' Bulebel iz-Zejtun u waqt li kienu fil-vettura tal-appellatn kellhom x'jaqsmu ma xulxin sesswalment izda dik id-darba bil-kunsens tal-istess Luana Scerri. Minhabba l-fatt li dawn l-affarijiet sehhew f'lok espost ghall-pubbliku (go vettura ti triq pubblika), Rennie Persico gie akkuzat ukoll li kkorrompa lil Luana Scerri u li offenda l-pudur u l-morali f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku. Fil-fatt it-tahrika tal-pulizija tirreferi li l-allegat reati sehhew fiz-Zejtun nhar il-5 ta' Marzu 2005 u fix-xhur ta' wara, u dan biex il-perjodu ikopri kemm dak li gara fil-5 ta' Marzu 2005 u dak li gara f'Settembru 2005 u cioe' l-allegat stupru fuq il-persuna ta' Luana Scerri. Izda huwa evidenti u dan johrog car mis-sentenza appellata, li l-Ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn dawn iz-zewg episodji li sehhew fi zminijiet differenti u f'postijiet differenti u ddecidiet biss fuq ir-reat ta' stupru u dwar jekk dan sehhx f'lok pubbliku jew le.

Illi huwa minnu li ghar-reat ta' stupru hemm bzonn il-kwerela tal-parti offiza u li din tista' tigi rtirata fil-kors tal-proceudri kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz, pero' l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda kellha tidhol funditus dwar dak li gara fil-5 ta' Marzu 2005 ghaliex effettivament skond ix-xhieda tal-vittma minorenni Luana Scerri dak inhar l-eghmil zieni sar f'lok espost ghall-pubbliku (fil-vettura tal-appellat) u ghalhekk ir-reat kemm ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ukoll ta' offiza tal-pudur u morali f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku huma prosekwibbli ex officio u minghajr il-htiega tal-kwerela tal-parti offiza. Fil-sentenza a fol 5 l-Ewwel Qorti tghid is-segwenti:

"Il-Qorti f'dan l-istadju sejra tezamina jekk kemm il-darba l-attivita sesswali sehhitx fil-pubbliku, jew f'post espost ghal pubbliku, li allura jirrendi l-ewwel zewg akkuzi prosekwibbli ex officio.

Illi mix-xhieda tal-minuri jirrizulta b'mod lampanti illi l–attivita sesswali saret f'garage bil-bieb maghluq u fil-flat tal-imputat ...

Illi ghaldaqstant isegwi illi l-attivita sesswali sehhet fil-privat u fil-maghluq u ghaldaqstant certament ma tirrizultax it-tielet akkuza u cioe offiza fuq il-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku."

Illi l-esponent filwaqt illi jaqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fir-rigward tar-reat ta' stupru li jidher li effettivament sehh f'post privat u maghluq (il-garaxx tal-appellat) u allura hemm bzonn tal-kwerela tal-parti offiza. Pero' l-Ewwel Qorti naqset palezemant milli tieghu in konsiderazzjoni l-attivita sesswali l-ohra li sehhet bejn il-vittma minorenni Luana Scerri u Rennie Persico fil-5 ta' Marzu 2005 fil-vettura tal-appellat fl-inhawi ta' Bulebel! Skont ix-xhieda ta' Luana Scerri a fol 26 din tghid is-segwenti:

Xhud: U ltqajt mieghu jiena u ltqajt mieghu u hrigt mieghu u kelli x'naqasm mieghu wkoll, l-ewwel darba mieghu jigifieri.

Qorti: Sewwa, l-ewwel darba.

Xhud: Ehe.

Qorti: Issa fejn kienet u meta gara dan tiftakar?

Xhud: Minghalija fil-5.

Qorti: Fil-5 ta' xiex?

Xhud: Ta' Marzu ghax

Qorti: Ta' Marzu mela bghatlek xi messaggi u ddecidejt illi tiltaqa' mieghu sewwa u fejn mortu?

Xhud: Wara l-flat.

Qorti: Wara l-flat fejn?

Xhud: Warajna l-flat.

Qorti: Hemm xi haga partikolari hemmhekk?

Xhud: X'jigifieri fil-post, le, le.

Qorti: U x'ghamiltu x'gara dakinhar?

Xhud: Kont ghamilt mieghu, kelli x'naqsam mieghu

Qorti: Kellek x'taqsam mieghu sesswalment?

Xhud: Ehe.

Qorti: Mela u fejn gara dan?

Xhud: Wara l-flat gol-karozza.

Qorti: Jigifieri dawn l-atti sesswali saru fil-karozza u kontu qeghdin post wara l-flats taghkom fejn toqghod inti u hu filfatt, intom toqghodu fl-istess block nghid sew, hekk hu?

Xhud: Iva.

A fol 27:

Pros: Jekk qabel il-5 ta' Marzu kellhix x'taqsam ma' xi hadd iehor?

Qorti: Mela qabel il-5 ta' Marzu Luana, inti qatt kellek x'taqsam sesswalment ma' haddiehor?

Xhud: Le.

Qorti: Qatt kellek boyfriend?

Xhud: Le lanqas.

Illi allura mix-xhieda tal-minorenni Luana Scerri jidher bic-car li effettivament fil-5 ta' Marzu 2005 kellha att sesswali mal-appellatu li dan l-att sesswali sehh fil-vettura tal-appellat f'lok pubbliku. F'dawn ic-cirkostanzi dan ifisser li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, li hija t-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, hija prosekwibbli ex officio ghaliex saret f'lok pubbliku u apparti minn hekk jissussisti wkoll it-tielet reat li l-appellat offenda l-pudur u morali maghmula fil-pubbliku (Il-Pulizija vs. George Zarb, 17/2/1997, Appelli Kriminali, Il-Pulizija vs. Gregory sive Godwin Scicluna, 19/2/1997, Appelli Kriminali) ghaliex l-att sesswali bejn l-appellat u Luana Scerri sehh fil-vettura f'post pubbliku. Madanakollu l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma taghmel l-ebda referenza ghal dan kollu izda tibbaza id-decide taghha biss fuq l-allegat stupru li sehh fil-garaxx tal-appellat.

Fl-umli fehma tal-esponent dan huwa zball manifest minn naha tal-Ewwel Qorti ghaliex fil-fatt hemm l-elementi kollha biex din il-Onorabbli Qorti ssib htija fil-konfront tal-appellat

kemm fir-rigward tal-imputazzjoni ta′ korruzzjoni ta′ minorenni stante li l-vittma stess qalet li din kienet l-ewwel esperjenza sesswali taghha u kif ukoll tat-tielet reat li offenda il-pudur u l-morali f′post pubbliku jew f′post espost ghall-pubbliku.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta′ Settembru tal-elfejn u hamsa (2005) il-pulizija irceviet rapport minghand Luana Xerri, tifla ta′ tlettax-il (13) sena, li xi granet qabel kienet giet stuprata fiz-Zejtun mill-appellat Rennie Persico. Il-pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha fejn irrizulta ukoll li fil-hamsa (5) ta′ Marzu tal-elfejn u hamsa (2005) l-istess Rennie Persico kellu x′jaqsam sesswalment mal-istess Luana Xerri fil-vettura tieghu fl-inhawi ta′ Bulebel, iz-Zejtun.

Sussegwentement l-appellat tressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjoni kif murija fil-bidu ta′ dan il-gudikat. Fil-kors ta′ dawn il-proceduri Luana Xerri u ommha iddecidew li jirtiraw il-kwerela. B′sentenza moghtija fis-sitta (6) ta′ Frar tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati iddikjarat prodediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet imputazzjoni u konsegwentement ordnat il-liberazzjoni tieghu.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll interpretazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi. Spjega illi l-appellat gie addebitat b′zewg okkazjonijiet separati u distinti – dak ta′ stupru illi sehh fil-garaxx iz-Zejtun f′Settembru tal-elfejn u hamsa (2005) u esperjenza sesswali ohra illi saret fil-karozza tal-appellat wara l-blokk ta′ flats fejn kienu joqghodu, f′Marzu tal-elfejn u hamsa (2005). Il-Qorti tal-Magistrati naqset illi tiddistingwi bejn dawn iz-zewg episodji u filwaqt illi kellha ragun li tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel akkuza peress illi l-istupru sara go garaxx maghluq u hemm ir-rinunzja tal-parti leza, rigward it-tieni u t-tielet akkuza kellha tinstab htija peress illi irrizulta illi din l-esperjenza sesswali fuq Luana Xerri saret fil-pubbliku jew inkella f′post accessibbli ghall-pubbliku u b′hekk l-appellat kellu jinstab hati ta′ dawn iz-zewg addebiti.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi kien hemm zewg episodji gravanti l-agir tal-appellat – wiehed fil-garaxx taz-Zejtun u l-iehor fil-karozza wara l-blokk ta' flats fejn kien joqghod. Izda mhuwiex minnu illi l-Qorti tal-Magistrati naqset li tiddistingwi bejn dawn iz-zewg episodji. Sabiex it-tezi tal-Avukat Generali tirnexxi jrid ikun hemm il-kredibilità u konsistenza fix-xhieda moghtija minn Luana Xerri, haga illi l-ewwel Qorti iddikjarat apertament illi ma kinitx sodisfatta bil-veracità tax-xhieda taghha. Hawnhekk l-ewwel Qorti iddikjarat fis-sentenza taghha illi "din il-Qorti ma tistax ma taffermax li x-xhieda ta' Luana Xerri dwar l-allegat stupru u korruzzjoni ta' minorenni, ma jgawdi minn ebda kredibilità minn din il-Qorti u dan qed jinghad ghaliex din il-minuri fil-kors tal-investigazzjoni, fit-testimonjanza quddiem din il-Qorti, inkluz il-kontro ezami taghha, ikkontradiet lilha nnifisha b'mod l-aktar grossolan." Ghalhekk il-Qorti li kellha d-diskrezzjoni li tiggudika l-fatti, ezaminat ix-xhieda ta' Luana Xerri skont id-dispost tal-artikolu 637 tal-Kap. 9 u hadet in konsiderazzjoni jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghha u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ma hemmx dubbju, illi l-konsistenza huwa fattur diterminanti hafna fil-konsiderazzjoni dwar il-veracità ta' verzjoni moghtija. U hawnhekk il-Qorti tal-Magistrati qieghda tiddikjara illi kemm fil-kors tal-investigazzjoni kif ukoll quddiemha stess Luana Xerri ma kinitx konsistenti fix-xhieda taghha. Mhux hekk biss, anzi ikkontradiet lilha nnifisha b'mod l-aktar grossolan. Ghalhekk la darba l-ewwel Qorti iddecidiet li ma kellhiex toqghod fuq ix-xhieda ta' Luana Xerri, ergo l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tal-appellat kellhom jaqghu ghax dawn kollha jiddependu fuq ix-xhieda moghtija minn Xerri kemm ghal dak li jirrigwarda l-istupru u kemm ghal dak ta' korruzzjoni f'post pubbliku.

Hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara

jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha (ara Pulizija versus Carmelo Schembri, 28 ta' April 1995). Din il-Qorti ghamlet tali apprezzament u tasal ghall-istess konkluzjoni li x-xhieda ta' Luana Xerri ma tantx hija attendibbli u zgur li ma twassalx sal-livell rikjest mil-ligi u cioé dak ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni peress li din il-Qorti mhiex moralment konvinta illi l-provi jwasslu sa dan il-grad. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------